bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

MAĠISTRAT ANTONIO MIZZI

Il-Pulizija
(Sp Pio Pisani)
vs
Kenneth Tabone, iben Joseph,
imwieled Pieta' fl-4 ta' ġunju, 1984

Illum, 5 ta' awissu, 2002

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –

1. talli f'dawn il-Gżejjer, u cioe' fil-Bajja ta' l-Għadira, fit-3 ta' awissu, 2002 għal ħabta tas-2.30 p.m. ikkometta serq ta' basket tal-marka 'Adidas' li jiswa Lm25, li fih kien hemm 'mobile phone' tal-marka 'Siemens' li jiswa Lm100, 'wallet' tal-ġilda li jiswa Lm10 u li kien fih karta ta' Lm5, T-shirt, litiswa Lm5 u beritta li tiswa Lm2, flixkun ta' 'sun block cream' li jiswa Lm4 u nuċċali tax-xemx li jiswa Lm9 u dan għat-total ta' Lm158 għad-dannu ta' Ramon Bondin, liema serq hu aggravat bil-valur;
2. talli fl-istess post, data, ħin u ċirkostanżi ġera bil-qawwi fit-triqat, b'perikolu li jaħbat ma xi ħadd u jweġġgħu.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' awissu, 2002 fejn il-prosekuzzjoni nfurmat lill-Qorti li r-refurtiva ġiet ritornata.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' awissu, 2002 fejn l-imputat ammetta fl-istadju bikri ta' l-investigazzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' awissu, 2002 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(ċ), 267, 279(a) u 338(ċċ) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum.